**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy dla Wrocławia-Śródmieścia we Wrocławiu (il-Polonja) fl-14 ta' Marzu 2016 – Halina Socha, Dorota Olejnik, Anna Skomra vs Szpital Specjalistycznym im. A. Falkiewicza we Wrocławiu**

**(Kawża C-149/16)**

(2016/C 222/03)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Sąd Rejonowy dla Wrocławia-Śródmieścia we Wrocławiu

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Halina Socha, Dorota Olejnik, Anna Skomra

*Konvenuta:* Szpital Specjalistycznym im. A. Falkiewicza we Wrocławiu

**Domandi preliminari**

L-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 98/59/KE, tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 327), moqri flimkien mal-prinċipju ta' effettività tad-dritt, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-persuna li timpjega li temenda l-kundizzjonijiet ta' xogħol u ta' remunerazzjoni applikabbli għall-kuntratti ta' xogħol (avviż ta' emenda) unikament għal dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni, minħabba sitwazzjoni finanzjarja diffiċli, hija obbligata tapplika l-proċedura prevista mill-imsemmija direttiva u wkoll li tikkonsulta lill-organizzazzjonijiet sindakali tal-impriża dwar dawn l-avviżi ta' emenda, minkejja l-fatt li d-dritt nazzjonali, jiġifieri l-liġi tat-13 ta' Marzu 2003 dwar regoli speċifiċi dwar it-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol għal raġunijiet mhux attribwibbli għall-ħaddiema (ĠU 2003, Nru°90, poż. 844 kif emendata), ma tipprovdi, fl-Artikoli 1 sa 6 tagħha, ebda dispożizzjoni applikabbli għal tali emendi tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' xogħol?

---

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Marzu 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tas-Slovenja**

**(Kawża C-153/16)**

(2016/C 222/04)

*Lingwa tal-kawża: is-sloven*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Kukovec u E. Sanfrutos Cano)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tas-Slovenja

**Talbiet**

— Tiddikjara li, billi ppermettiet sitwazzjoni kontinwa u persistenti ta' insigurtà ambjentali u għas-saħħa tal-bniedem minħabba ħażna mhux xierqa ta' kwantità kbira ta' tyres użati, flimkien ma skart ieħor, anki perikoluż, u bir-rimi tagħhom bi ksur tar-rekwiżiti imposti fid-direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma [landfill], ir-Repubblika tas-Slovenja kisret l-Artikolu 12 (Rimi), l-Artikolu 13 f'dak li jirrigwarda l-immaniġġar tal-iskart u li jiħu inkunsiderazzjoni l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, u l-Artikolu 36(1) (Infurzar u pieni), tad-direttiva qafas dwar l-iskart, kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(3)(d) dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma [landfill];

— tikkundanna lir-Repubblika tas-Slovenja għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-Repubblika tas-Slovenja ppermettiet sitwazzjoni kontinwa u persistenti ta' insigurtà ambjentali u għas-saħħa tal-bniedem minħabba ħażna mhux xierqa ta' kwantità kbira ta' tyres użati, flimkien ma skart ieħor, anki perikoluż, u bir-rimi tagħhom bi ksur tar-rekwiżiti, minn naħa, tad-direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma [landfill], u min-naħa l-oħra, tad-direttiva qafas dwar l-iskart.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fil-25 ta' Marzu 2016 – F. Hoffmann-La Roche AG, La Roche SpA, Novartis AG, Novartis Farma SpA vs Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato

**(Kawża C-179/16)**

(2016/C 222/05)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* F. Hoffmann-La Roche AG, La Roche SpA, Novartis AG, Novartis Farma SpA

*Konvenuta:* Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato

**Domandi preliminari**

1) L-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 101 TFUE tippermetti li jitqiesu bħala kompetituri l-partijiet fi ftehim ta' liċenzja, meta l-impriża benefiċjarja tal-liċenzja topera fis-suq rilevanti kkonċernat biss abbażi tal-imsemmi ftehim? F'tali sitwazzjoni, l-eventwali restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni minn min jagħti l-liċenzja fil-konfront tal-benefiċjarju tagħha, anki mhux espressament previsti mill-ftehim ta' liċenzja, jevitaw, u jekk huwa l-każ sa fejn, l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE jew jaqgħu, u sa fejn, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni legali tal-Artikolu 101(3) TFUE?

2) L-Artikolu 101 TFUE jippermetti lill-awtorità tal-kompetizzjoni nazzjonali li tiddefinixxi s-suq rilevanti indipendentement mill-kontenut tal-awtorizzazzjonijiet ta' tqegħid fis-suq (iktar 'il quddiem ATS) tal-prodotti mediċinali maħruġa mill-awtoritajiet ta' regolamentazzjoni farmaċewtika kompetenti (AIFA u EMA) jew, għall-kuntrarju, għall-mediċini awtorizzati, is-suq legalment rilevanti fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE għandu jitqies li huwa ddefinit prinċipalment mill-awtorità ta' regolamentazzjoni kompetenti, b'mod vinkolanti wkoll għall-awtorità tal-kompetizzjoni nazzjonali?

3) L-Artikolu 101 TFUE jippermetti, inkluż fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/83/KE ([1]) u partikolarment tal-Artikolu 5 relattiv għall-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-prodotti mediċinali, li tjitqiesu sostitwibbli u li konsegwentement jiġu inklużi fil-kuntest tal-istess suq rilevanti prodott mediċinali użat mhux skont it-tikketta u prodott mediċinali li għalih inħarġet ATS għall-istess indikazzjonijiet terapewtiċi?

4) Skont l-Artikolu 101 TFUE, bil-għan tad-delimitazzjoni tas-suq rilevanti, huwa importanti li jiġi vverifikat, minbarra n-natura interkambjabbli essenzjali tal-prodotti farmaċewtiċi min-naħa tad-domanda, jekk dawn ġewx offruti fis-suq konformement mal-kuntest leġiżlattiv relattiv għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti mediċinali?